Il-Ħamis 17 ta' Jannar 2013

Emenda 70

Proposta għal regolament

Anness 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
— Miżuri għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità transkonfinali, serja u organizzata, b'mod partikolari t-traffikar tad-droga, it-traffikar tal-bnedmin, l-abbuż sesswali tat-tfal u proġetti li jidentifikaw u jżarmaw netwerks kriminali, jipproteġu l-ekonomija kontra l-infiltrazzjoni kriminali u jnaqqsu l-inċentivi finanzjarji billi jissekwestraw, jiffriżaw u jikkonfiskaw assi kriminali.	— Miżuri għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità transkonfinali, serja u organizzata, b'mod partikolari t-traffikar tad-droga, it-traffikar tal-bnedmin, l-abbuż sesswali tat-tfal u ***d-distribuzzjoni ta' immaġini ta' abbuż fuq it-tfal u*** proġetti li jidentifikaw u jżarmaw netwerks kriminali, jipproteġu l-ekonomija kontra l-infiltrazzjoni kriminali u jnaqqsu l-inċentivi finanzjarji billi jissekwestraw, jiffriżaw u jikkonfiskaw assi kriminali.

Emenda 71

Proposta għal regolament

Anness 1 – punt ġdid wara l-aħħar punt

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	— ***Miżuri intenzjonati biex jiksbu sħubija eqreb bejn l-Unjoni u l-pajjiżi terzi (b'mod partikolari l-pajjiżi li qegħdin fil-fruntieri esterni tagħha) u t-tfassil u l-implimentazzjoni ta' programmi operattivi ta' azzjoni għall-kisba tal-prijoritajiet strateġiċi tal-UE msemmija hawn fuq.***

P7_TA(2013)0023

Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni bejn l-UE u l-Iraq ***

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Jannar 2013 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Iraq, min-naħa l-oħra (10209/2012 – C7-0189/2012 – 2010/0310(NLE))

(Approvazzjoni)

(2015/C 440/32)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (10209/2012),

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Iraq, min-naħa l-oħra (05784/2011),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikoli 79(3), 91, 100, 192(1), 194, 207 u 209 u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0189/2012),

Il-Ħamis 17 ta' Jannar 2013

— wara li kkunsidra l-Artikoli 81 u 90(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A7-0411/2012),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika tal-Iraq.

P7_TA(2013)0025

Ftehima interim li tistabbilixxi qafas għal Ftehima ta' Sħubija Ekonomika bejn il-KE u l-Istati Afrikani tal-Lvant u tan-Nofsinhar *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Jannar 2013 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim Interim li jistabbilixxi qafas għal Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati Afrikani tal-Lvant u tan-Nofsinhar, minn naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra (11699/2012 – C7-0193/2012 – 2008/0251(NLE))

(Konsultazzjoni)

(2015/C 440/33)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (11699/2012),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interim li jistabbilixxi qafas għal Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati Afrikani tal-Lvant u tan-Nofsinhar minn naħa u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra ([1]),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 207(4), l-Artikolu 209(2) u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0193/2012),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 81 u 90(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp (A7-0431/2012),

1. Japprova l-konklużjoni tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tal-Istati tal-Madagaskar, il-Mawrizju, is-Seychelles u ż-Żimbabwe.

([1]) ĠU L 111, 24.4.2012, p. 2.